# L-Istemma

**Mr. Andre Micallef**

**Spjegazzjoni tal-istemma Karmelitana (OCD)**
L-għejun jiżvelaw li l-istemma Karmelitana, sa fejn nafu aħna llum, dehret għall-ewwel darba fl-1499 fl-ewwel paġna ta' bijografija ta' San Albert, il-Patrijarka ta' Ġerusalemm, li ta' lill-Karmelitani r-Regola tal-Ħajja. L-emblema tal-Karmelu kienet fil-forma ta' standard, filwaqt li aktar tard ħadet il-forma ta' stemma araldika taħt bosta varjazzjonijiet differenti, fejn l-elementi fundamentali baqgħu kważi dejjem ippreservati minħabba t-tifsira u l-messaġġ simboliku warajhom.



1. L-GĦOLJA TAL-KARMELU
Il-parti t'isfel tal-istemma hija dominata, b'mod li tintgħaraf sew, mill-GĦOLJA TAL-KARMELU, li l-quċċata tagħha qed tilħaq lejn is-sema. L-Għolja tal-Karmelu bħala element fl-istemma tfakkarna li l-Ordni Karmelitan kellu l-bidu tiegħu fuq dik il-muntanja lejn it-tramuntana tal-Art Imqaddsa, 'il fuq mill-belt ta' Haifa fl-Izrael tal-lum. Diġa` fis-seklu disà qabel Kristu, persuni magħżulin minn Alla bħalma kien il-profeta Elija kienu jgħammru hemm. Minn dak iż-żmien, nies li kienu ħerqana li jkunu qrib t'Alla għexu fuq l-Għolja tal-Karmelu matul is-sekli kważi kollha li ġew wara (dejjem skond iċ-ċirkustanzi). Fl-aħħar, kien propju hemm, qrib in-Nixxiegħa t'Elija, fejn il-pellegrini mill-Ewropa tal-Punent kif ukoll dawk li ħadu sehem fil-Kruċjati, bdew jgħammru fis-seklu tnax. Kienu jgħixu ta' eremiti taħt ir-Regola tal-ħajja kif mgħoddija lilhom minn San Albert, il-Patrijarka ta' Ġerusalemm. B'hekk, saru rħieb (patrijiet) Insara – Il-Karmelitani.
Il-lewn kannella tal-Għolja jissimbolizza t-territorju ta' din l-art; materjali, naturali, uman, limitat, inkomplut u imperfett; id-dinja li tissimbolizza l-"uġigħ tal-ħlas", li x-xewqa tagħha – fl-aspettattiva tal-kompletezza sħiħa tagħha, il-perfezzjoni u s-salvazzjoni – realizzati permezz tal-qrubija lejn Alla u l-komunjoni miegħu, hi immirata 'l fuq, lejn l-infinita` tal-ġenna u dik divina. Il-quċċata tal-Għolja tal-Karmelu twassal sal-lewn bajdani u arjuż tas-sema, li jissimbolizza ċ-ċarezza, is-safa, il-qdusija u l-perfezzjoni tad-dinja spiritwali u divina, liema quċċata tiltaqa' u tgħaqqad lilha nnifisha mad-dominju limitat, imperfett, terran u uman. Il-bniedem huwa mħejji għal din il-laqgħa ma' dik ir-realta` mistika u divina permezz tat-"Tlugħ tal-Karmelu", jiġifieri permezz ta' *tisfija attiva u passiva*, kif imfissra aktar 'il quddiem fid-duttrina spiritwali tal-ewwel Karmelitan Skalz, Duttur tal-Knisja, "id-Duttur Mistiku", San Ġwann tas-Salib.

2. TLIET STILEL B'SITT PONOT

It-tieni element tal-istemma Karmelitana huma TLIET STILEL B'SITT PONOT. In-numru tlieta hu assoċċjat b'mod regolari ma' tal-anqas tliet tifsiriet fil-kuxjenza tan-Nisrani u tal-patri:

**a) It-Trinita`** - l-Alla Nisrani hu l-unita` ta' tliet persuni divini: il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu (tliet stilel uniti b'faċċata waħda tal-istemma);

**b) Tliet virtujiet teoloġiċi**: il-fidi, it-tama u l-imħabba;

**c) Tliet "kunsilli evanġeliċi"** adottati fil-monastiċiżmu bħala t-tliet voti monastiċi: il-faqar, il-kastita` u l-ubbidjenza...

Ta' min jinnota wkoll huwa l-fatt li tliet stilel fl-istemma Karmelitana huma dejjem b'sitt ponot. Din l-hekk imsejħa "Stilla ta' David" jew "Tarka ta' David" tfakkar fir-rabta tal-Ordni Karmelitan mal-għeruq tagħha fl-Iżrael u hi sinjal ta' sħubija mal-poplu magħżul t'Alla, il-Knisja, li fiha nnifisha tintegra kemm dawk li għandhom għal qalbhom it-Testment il-Qadim kif ukoll dawk li jgħożżu t-Testment il-ġdid. F'dawn l-aħħar snin, il-kreattivita` mingħajr studju teoloġiku profond ħolqot stili ġodda ta' stemmi, liema stili juru l-istilel mhux b'sitt ponot, imma b'iżjed jew inqas (eż. b'ħamsa jew tmienja). Madankollu, kreattivita` arbitrarja bħal din għandha tiġi evitata għax twarrab fil-ġenb biċċa sew mis-simboliżmu oriġinali u l-messaġġ wara l-istilel b'sitt ponot, li fl-istemma Karmelitana jfissru r-rabta bejn it-Testment il-Qadim u l-ġdid, kif ukoll dimensjoni usa, integrattiva, ekumenika u inter-reliġjuża tal-Ordni Karmelitan u l-Kristjaneżmu in ġenerali.

Stili u forom li jfittxu li jippreservaw l-integrita` tas-simboliżmu u l-messaġġ tal-istemma Karmelitana ma jqisux bħala mhux importanti la l-arranġament tal-istilel u lanqas l-għażla tal-lewn tagħhom. L-ewwel stilla hi ta' lewn il-fidda u tinsab f'nofs il-parti t'isfel tal-istemma, fuq l-isfond kannella tal-Għolja tal-Karmelu, waqt li ż-żewġ stilel l-oħra huma minn lewn id-deheb u mqiegħda b'mod simmetriku fuq kull naħa tal-Għolja, fuq l-isfond abjad tas-sema. Imqiegħda b'dan il-mod, l-istilel jifformaw trijangolu li l-parti d-dejqa u fiddiena tiegħu ("il-parti l-fqira") tinsab taħt, fid-dominju kannella u terran, waqt li l-parti l-wiesgħa u imdehba (il-parti perfetta) tinsab fid-dominju tal-abjad, tal-ġenna u divin. Din tindika ż-żieda gradwali fil-grazzja, il-perfezzjoni, u l-ħajja sħiħa u kompluta – maturazzjoni personali li, mill-uman u t-terran (il-fidda), ftit ftit tiżdied u ssib il-qofol tagħha fl-ispiritwali, fil-komplut, fid-divin u fl-etern (il-lewn imdieheb tas-sublimita` u l-perfezzjoni). B'tali mod, l-istilla tal-fidda fuq l-isfond kannella (terran) tissimbolizza dawk il-Karmelitani li għadhom f'din id-dinja, membri tal-"Knisja Pellegrina", li qed jivvjaġġaw lejn il-quċċata tal-Għolja tal-Karmelu, l-għolja tal-għaqda mal-Mulej, filwaqt li ż-żewġ stilel l-oħra, imdiehba u merfugħa fuq l-isfond arjuż-bajdani tas-sema, jirrappreżentaw dawk il-membri tal-Karmelu li diġa` lestew il-vjaġġ, li l-essri umana tagħhom hi "indurata", jiġifieri pperfezzjonata fil-laqgħa finali u l-għaqda m'Alla.

3. SALIB MINGĦAJR IL-KORP (TA' KRISTU)

L-istemma tal-Ordni Karmelitan Skalz (OCD), riformat fis-seklu sittax, għandha *SALIB* fil-quċċata tal-Għolja, u dan jagħmilha differenti b'mod ċar mill-istemma tal-Ordni Karmelitan (OCarm), li m'għandhiex salib fuqha. Minn żmien il-katakombi, u speċjalment mir-raba' seklu W.K. u żmien l-Imperatur Kostantinu l-Kbir ("In hoc signo vinces" – B'dan is-sinjal tirbaħ), is-salib afferma ruħu bħala s-simbolu universali Kristjan. Huwa għalhekk li sab ruħu fiċ-ċentru tal-istemma tal-Karmelitani Skalzi, mhux biss bħala żieda estetika u li żżejjen, iżda grażżi wkoll għall-iżvilupp tat-"teoloġija tas-salib" (theologia crucis), jiġifieri, it-tisħiħ tal-għarfien li s-salib – bħala simbolu tat-tbatija, ta' kull forma ta' kruċifissjoni u tar-rigal tal-għotja t'Alla lill-bnedmin frott tal-imħabba tiegħu għalina – huwa element inevitabbli fil-ħajja kemm ta' Kristu kif ukoll tal-Karmelitan. Is-salib fuq l-istemma Karmelitana huwa dejjem mingħajr il-korp (il-ġisem ta' Kristu). Minn naħa waħda, dan kien espressjoni tat-twemmin li t-tbatija tal-ġisem u f'din id-dinja, kif ukoll il-mewt, ma jkollhomx l-aħħar kelma, u li l-ġisem ta' Kristu kien merfugħ għand il-Missier, jiġifieri ġie glorifikat. Min-naħa l-oħra, dan kien jindika wkoll id-dimensjoni axxetika tal-ħajja Karmelitana: il-post vojt fuq is-salib huwa mħejji għall-patri, li bid-dħul tiegħu fil-Karmelu anke hu nnifsu għandu jistenna li jiġi msallab b'modi diversi, u b'dan il-mod jiġi kkonformat (magħqud) ma' Kristu Msallab bħala sinjal tal-imħabba tiegħu lejn Alla u l-bniedem. Għal din l-istess raġuni, f'ħafna ambjenti Karmelitani kienet id-drawwa li l-kurċifissi mdendlin mal-ħitan taċ-ċelel ikunu mingħajr il-korp. Illum jidher li ma tingħatax wisq attenzjoni lejn jekk il-kurċifissi fiċ-ċelel tal-kunventi u ambjenti oħra fl-istess kunventi ikunux bil-korp fuqhom jew le, filwaqt li s-salib fuq l-istemma Karmelitana insibuh kważi dejjem mingħajr il-korp (ħlief forsi fil-każ ta' xi eċċezzjonijiet li jikkonfermaw ir-regola).



4. KURUNA TAD-DEHEB

Il-kuruna tad-deheb tirrappreżenta s-Saltna t'Alla

fuq din l-art, preżenti permezz ta' "Emmanuel", "Alla magħna", Ġesu` Kristu. Alla permezz ta' Ġesu` Kristu huwa s-Sultan u l-Mulej, il-*Kyrios* tal-Karmelu li l-Karmelitani jistinkaw li "jqimu fedelment b'qalb safja u b'kuxjenza cara" (ir-Regola). Huma jifhmu l-vokazzjoni tagħhom li jkunu msejħin biex isaħħu l-għeruq tas-Saltna ta' Kristu; Saltna ta' mħabba li tissagrifika lilha nnifisha u Saltna ta' tjubija fid-dinja.

5. TNAX–IL STILLA

It-tnax-il stilla li jdawru l-kuruna huma assoċjati mal-Ktieb tal-Apokalissi: "... mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha" (Apok 12:1) u jesprimu l-faċċata Marjana tal-"Ordni tal-Aħwa Skalzi tal-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu." Għall-Karmelitani, Marija hija ommhom u oħthom, patruna, mudell ta' talb u konnessjoni m'Alla. Huwa għalhekk li ħafna jqisuhom bħala l-"Ordni ta' Marija" b'mod partikulari.

6. ID IL-PROFETA ELIJA ŻŻOMM XABLA TARMI N-NAR U L-MOTTO BIBLIKU

Id il-Profeta Elija żżomm xabla tarmi n-nar u skrizzjoni bil-motto bibliku tiegħu "Zelo zelatus sum pro Domino Deo exercituum" – "Biż-żelu kont żelanti għall-Mulej Alla tal-Eżerċiti" (1 Slaten 19:10) – tindika li sal-lum il-ġurnata l-ħajja fil-Karmelu tieħu l-ispirazzjoni tagħha mill-ispirtu ta' Elija, il-passjoni u ż-żelu tiegħu lejn il-ħwejjeġ tal-Mulej (*actio*), u l-għatx tiegħu għal Alla wieħed u ħaj u l-ħajja fil-preżenza tiegħu (*contemplatio*). Kif tgħid ir-Regola Karmelitana, "Ix-xabla tal-ispirtu, il-kelma t'Alla (cf. Efes 6:17), għandha tfur minn fommkom (cf. Kol 3:10) u minn qlubkom (cf. Rum 10:8). Ħalli kulma tagħmlu jkun akkumpanjat mill-kelma t'Alla (cf. Kol 3:7; 1 Kor 10:31).

7. SIMBOLI OĦRAJN

Xi emblemi addizzjonali oħrajn sabu ruħhom fis-simboloġija Karmelitana; jekk mhux bħala skop ta' ornament u tiżjin li tnisslu mill-kreattivita` ta' xi awturi individwali, dawn huma ħafna drabi riżultat ta' influwenzi lokali u m'għandhomx xi sinifikat ġenerali jew valur simboliku. Dawn is-simboli addizzjonali, meta huma miżjuda mal-elementi ewlenin, is-soltu jirriflettu l-karatteristiċi u t-tradizzjoni tal-ambjent lokali Karmelitan (eż. provinċja jew monasteru) jew xi inklinazzjonijiet kreattivi individwali tal-awtur li jkun fassalhom. Għal din ir-raġuni f'xi stemmi nsibu xbieha tal-ġilju fuq naħa u l-palma fuq l-oħra n-naħa ta' fuq tal-istemma, li jissimbolizzaw lil San Albert ta' Trapani u lil Sant'Anġlu, l-ewwel żewġ qaddisin Karmelitani.

